**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 108/2018**

**Illum: 26 ta’ Settembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Dailin Bennetti**
**(ID 276297(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Dailin Bennetti ta’ 20 sena, bin missier mhux maghruf u Carmen Louise Bennetti, imwieled il-Pieta` nhar l-14 ta’ Lulju 1997 u joqghod gewwa l-fond bin-numru 16, Waterloo, Flat 3, Triq Antonio Doublet, Marsa u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 276297(M);

Akkuzat talli nhar l-20 ta’ Jannar 2018 ghall-habta tat-8.00 ta’ filghaxija gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Saq vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru ta’ registrazzjoni IAV-782 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmija vettura, bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a), (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni IAV-782, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz u bla kont, bi ksur ta' l-Artikolu 15(1)(a), (2), (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur u cioe` Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni IAV-782, ecceda l-limitu tal-velocita`, bi ksur tar-Regolament 127 ta' L.S. 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni IAV-782 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ghal terzi persuni, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli nhar l-20 ta' Jannar 2018 u anke fil-granet ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:

5. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U fl-ahhar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D.) nhar l-4 ta' Jannar 2018, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula, bi ksur tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat General ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi (Kap. 101) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2018, l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-ewwel seba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, kif ukoll dwar l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda mhux ai termini tal-Artikolu 50 tal-istess Kapitolu;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-ewwel seba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Dwar l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, fil-waqt illi kif inghad, l-imputat irregistra ammissjoni dwar ir-recidivita` fis-sens tal-Artikolu 49, biss qed jikkontesta l-istess in kwantu r-referenza ghall-Artikolu 50. Effettivament, fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, il-Prosekuzzjoni baqghet ma esebiet l-ebda sentenza bhala prova dwar ir-recidiva ai termini tal-imsemmi artikolu tal-ligi u ghalkemm id-difiza ddikjarat illi kienet qeghda taqbel illi s-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dr. J. Mifsud tal-4 ta' Jannar 2018 hija dik indikata fil-fedina penali esebita u illi ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li din tigi esebita, biss skont l-istess fedina penali, permezz ta' din is-sentenza, l-imputat gie ikkunannat ghal sentenza ta' prigunerija ta' tliet xhur sospiza ghal sitt xhur u ghalhekk fiz-zmien tal-kaz odjern, il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza kien ghadu ghaddej. Isegwi ghalhekk illi a bazi ta' din is-sentenza, ai termini tal-Artikoli 28A(5A) u 28F tal-Kap. 9, ma tistax tirrizulta r-recidiva skont l-Artikolu 50 tal-istess Kapitolu. Ghaldaqstant, ir-recidivita` ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ma tirrizultax ippruvata.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, u min-naha l-ohra, il-fedina penali tieghu fiz-zmien tal-kaz odjern, liema fedina penali tinkludi kundanni dwar serq semplici u aggravat (f'izjed minn okkazzjoni wahda), hsara volontarja (f'izjed minn okkazzjoni wahda), fastidju, assocjazzjoni ghal fini ta' serq aggravat u pussess ta' arma. Dwar dawn l-imputat inghata Ordni ta' *Probation* tliet darbiet, liberazzjoni kundizzjonata u sentenza ta' prigunerija sospiza.

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet u dan fis-sens illi minn dakinhar tal-kaz (ossia ftit xhur qabel), l-imputat ma regax kellu skontri ohrajn

mal-gustizzja, li ottjena licenzja tas-sewqan, ghandu mpjieg u qed jistenna tarbija, kif ukoll illi kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Qieset ukoll id-dikjarazzjoni illi huwaa qed jigi jattendi ghal sessjonijiet gewwa l-Agenzija Caritas. Fic-cirkostanzi, il-Qorti jidhrilha illi ghandha taghti opportunita` ohra lill-imputat minflok iggib fis-sehh il-piena ta' prigunerija mertu tas-sentenza indikata fis-seba' imputazzjoni.

Ghal fini tal-piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9. Fir-rigward tal-hames u s-sitt imputazzjonijiet qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi ma jirrizultax illi l-imputat kien fil-pussess ta' izjed minn 3.5 grammi *cannabis* fiz-zmien li ghalih jirreferu dawn l-istess imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 127 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, l-Artikoli 3(1), (2)(a) u 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 8(a), 8(d) u 22(1)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(f), (h), 28B u 49 tal-Kap. 9, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Dailin Bennetti** hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu, b'dan illi dwar l-addebitu tar-recidiva, qed issibu hati biss ai termini tal-Artikolu 49 u mhux tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 u tikkundannah fir-rigward tal-ewwel erba' imputazzjonijiet ghall-piena ta' multa kumplessiva ta' tliet elef u mitejn ewro (€3,200) u fir-rigward tal-hames u s-sitt imputazzjonijiet ghall-penali ta' tmenin ewro (€80).

Dwar is-seba' imputazzjoni, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tibdel l-ordni originali mertu tas-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dr. J. Mifsud tal-4 ta' Jannar 2018, billi minflok il-perjodu operattiv ta' sitt xhur, tordna illi tali perjodu ghandu jkun ta' sena mid-data tal-lum. Ghalhekk permezz ta' dan l-ordni, il-piena ta' tliet xhur prigunerija mertu ta' dik is-sentenza qed tigi sospiza ghall-perjodu ta' sena li tibda tghaddi mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hati jista' jhallas il-multa imposta ta' tliet elef u mitejn ewro (€3,200) f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk huwa jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi

dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi. Ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi f'kaz li l-hati ma jhallasx il-penali ta' tmenin ewro (€80) imposta b'din is-sentenza, fi zmien xahar mil-lum, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskawlifika lill-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il (12) xahar mil-lum.

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita bhala Dokument RB5, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat